**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 17 ta' Gunju 2020;**

**<u>Rikors nru: 101/2020 AGV :</u>**

**AB**

**Vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' A B** datat 5 ta' Marzu 2020 , fejn ppermetta u talab is-segwenti;

1. Illi l-partijiet zzewwgu fis- 17 ta' Settembru 1988, liema zwieg gie registrat fir-registru pubbliku ta' Malta, bin-numru 1674/1988- vide Dok. A.
2. Illi minn daz-zwieg twieldu erbat itfal, li llum huma kollha maggorenni u jahdmu fuq bazi full-time ;
3. Illi l-partijiet isseperaw permezz ta' kuntratt ta' seperazzjoni personali datat 6 ta' Frar 2006, fl-atti tan-Nutar Dr. John Spiteri (Vide Dok. B), ossija erbatax-il sena ilu;

4. Illi ma hemmx dubju illi z-zwieg taghhom mhux rekuperabbli u ma hemm l-ebda prospettiva regenevoli illi l-partijiet jirrikonciljaw u kull wiehed minnhom jghix hajja totalment separata minn xulxin;
5. Illi r-rikorrenti jiddikjara illi skont il-kuntratt de quo, ma ghandu l-ebda obbligu ihallas manteniment versu l-intimata, ghal bzonnijiet personali taghha peress illi hi ddekadiet mill-istess;
6. Ili r-rikorrenti jiddikjara ukoll illi llum il-gurnata ma hemm ebda obbligu ta' hlas ta' manteniment ghal dak li ghandu x' jaqsam mal-ulied, u lanqas hemm xi pendenzi ta' arretrati f' dar-rigward.
7. Illi ghalhekk skont ir-rikorrenti hemm l-elementi kollha preskritti mil-ligi sabiex dina l-Qorti, tippronunzja l-hall taz-zwieg.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil dina Onorabbli Qorti, joghgobha;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ;
2. Tordna lir-registraur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghaldaqshekk mil-istess Qorti, javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti, rat li fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2020, dehret il-konvenuta, CB fejn semghet li ma ghandhiex oggezzjoni ghal tali divorzju, u li tixtieq tirreverti ghal kunjom xbubitha, cjoe' D.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti tilqa it-talba u cjoe' li l-konvenuta ghandha tirriverti ghal kunjom xbubitha, D.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**